MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2015

Numru. 594/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur James Grech]**

**[Spettur Charlotte Curmi]**

**vs**

**Sandra Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Sandra Grixti detentrici tal-karta tal-identita` numru 138388(M).

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha anki jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda:

1. Nhar l-24 ta' Gunju 2015 ghal habta tal-1630hrs gewwa Triq il-Luqqata, Kalkara, ikkommettiet serq ta' *chainsaw* u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBO 494, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37 u bix-xorta ta' haga misruqa ghad-detriment ta' Paul Micallef u/jew persuna/i u/jew entita/jiet ohra;

2. Aktar talli nhar it-3 ta' Lulju 2015 f'xi hin bejn is-1830hrs u s-1930hrs ikkommettiet serq ta' fwieha u/jew oggetti ohra minn Lola Perfumery, Triq il-Kbira, Haz-Zabbar liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37 ghad-detriment ta' Gemma Refalo u/jew persuna/i u/jew enitita/jiet ohra;

3. Aktar talli nhar is-6 ta' Lulju 2015 ghal habta tas-1330hrs gewwa Triq San Gorg, Zurrieq ikkommettiet serq ta' *pouch* li kien jikkontjeni madwar €10 fi flus kontanti u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCB 492, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta ta' haga misruqa ghad-detriment ta' Emanuel Schembri u/jew persuna/i u/jew entita/jiet ohra;

4. Aktar talli f'xi jum bejn Gunju u l-24 ta' Lulju 2015 gewwa l-Fgura kkommettiet serq ta' madwar €24 fi flus kontanti u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta ta' haga misruqa ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa ;

5. Akkuzat ukoll talli b'hekk ikkommettiet reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin taht ordni ta' supervizzjoni moghtija lilha nhar it-3 ta' Novembru 2014 mill-Magistrat Dr G Vella LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ;

6. U aktar talli kkommettiet reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' disa' xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u nofs moghtija lilha nhar it-2 ta' Marzu 2015 mill-Magistrat Dr J Demicoli LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ;

7. U aktar talli nhar it-18 ta' Lulju 2015 u kif ukoll fil-gimghat u x-xhur ta' qabel din id-data, kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti fuqha mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), kif preseduta mill-Imhallef Dr Antonio Mizzi.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bihom Sandra Grixti inghatat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija imputata kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 28B, 261(c), 261(g), 267, 271(g), 279(a) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata **Sandra Grixti** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tikkundannaha ghal perjodu ta' tliet (3) snin u erba' (4) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti tordna wkoll w ghal fini tas-seba’ (7) akkuza ssir ir-revoka contrario tad-digriet tal-helsien mill-arrest impost mill-Qorti tal-Appell ippresjeduta mill-Imhallef Antonio Mizzi.

Il-Qorti tirrakomanda wkoll illi in vista tal-problema tad-droga li l-imputata ghandha tinghata kull facilita` mis-CCF sabiex tkun tista’ teghleb dan il-vizzju.

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------